MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2008

Numru 747/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Ian J. Abdilla)**

**vs**

**Ryan Ciappara**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Ryan Ciappara** ta’ 19-il sena, bin Valentino u Anna *nee’* Camilleri, mwieled Pieta’ nhar it-8 ta’ Novembru, 1985, residenti numru 51, ‘Torritta’, Triq il-Fawwara, Siggiewi u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 557785(M);

Talli fit-22 t’Aiwssu, 2005, u fil-granet ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi. U li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda;

1. iffalsifikajt biljetti tal-flus kif ukoll mexxa biljetti tal-flus ffalsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' flus Maltin, meta kien jaf li huma falsifikati;

2. talli fl-istess data, lok u cirkostanzi minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew irceva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus Maltin falsifikati meta kien jafu li l-istess huma falsifikati.

3. talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' anqas minn Lm100 ghad-dannu tal-M.I.A. Service Station tal-Gudja tal-Malta International Airport ta' Sergio Camilleri, diversi pompi ta' petrol ohra u tas-sidien tal-istess pompi tal-petrol.

4. talli fl-istess data, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta' diesel u petrol minn diversi petrol stations, fosthom M.I.A. Service Station tal-Gudja, u pompi ohra, ghad-dannu tas-sidien tal-istess pompi tal-petrol u persuni ohra, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-lok.

5. talli fl-istess data, lok u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom.

U b'hekk l-akkuzat Ryan Ciappara kiser il-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn gie lliberat taht kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sentejn, leima sentenza giet mgottija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-14 ta' Lulju, 2005.

Il-Qorti hija gentilment mitluba biex f'kaz ta' htija barra li tinfliggi l-pieni stabilliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat\i ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-avukat generali li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex ikun gudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm ravvizat fl-artikoli 18, 263, 269, 270, 308, 309, 310, 334, 31, 20, 23 u 533 tal-Kap 9, 45 u 46 tal-Kap 204 u 7 u 23 tal-Kap 446;

Rat in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta li l-imputat kien ghamel uzu minn flus foloz sabiex jixtri fuel mill-*automated pumps* li hemm fis-service station tal-Malta International Airport gestita mill-kumpanija ta' Sergio Camilleri. Mill-istqarrija kif ukoll mix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat jammetti li dan huwa minnu izda biss ghal dak li jirrigwarda uzu ta' disa karti tal-hames liri maltin fil-pompa tal-fuel tal-Malta International Airport. Hu jichad kategorikament li ghamel hekk f'pompi tal-fuel ohra u qal li ma ghandux ghaliex iwiegeb ghall-eghmil ta' haddiehor. L-imputat spjega li hu jigestixxi hanut tal-laham u meta mar ihallas lill-wiehed mill-forrnituri tieghu gibidlu l-attenzjoni illi uhud mill-karti ta' hames liri kienu foloz. Minflok li mar jiddenunzjahom, l-imputat iddecieda li jghaddihom lil haddiehor bhalma kienu dahqu bih . L-imputat mar jiehu l-fuel mill-istess pompa ghall-anqas fi tlett okkazzjonijiet, darbtejn bil-vettura ta' missieru u darba bil-vettura tan-nannu tieghu u kull darba li gara hekk kien registrat video tieghu. Il-magni tal-petrol station huma

attrezzati b'tali mod li facilment tkun taf min xtara l-fuel u liema karta ta' flus ikun introduca fil-magna bhala hlas. L-imputat ikkonferma li kull ritratt esebit mill-prosekuzzjoni kien fil-fatt ritratt ta' wiccu u dawn ittiehdu waqt li kien qed jiehu l-fuel mill-pompa msemmija.

Il-prosekuzzjoni esebiet tlettax-il karta falza ta' hames liri maltin kif ukoll hames settijiet ta' ritratti li juru lill-imputat sia waqt li qed "jixtri" l-fuel kif ukoll qed jimla l-vettura bil-fuel. Minkejja dan, l-imputat jghid li hu kellu x'jaqsam ghal dak li jirrigward disa mill-karti foloz u f'din il-pompa tal-fuel biss u ebda wahda ohra. Sergio Camilleri li jmexxi l-pompa tal-fuel inkwistjoni jghid li mill-appart ta' sigurta' irrizultat diskrepanza bejn il-hin progammat fic-CCTV camera u l-komputer izda xorta setgha jasal ghal min introduca l-flus u x'introduca billi jimxi b'lura. Minkejja dan, jghid ukoll li irrizultalu li kien hemm ammont ta' hamsin lira flus foloz tul 4 okkazzjonijiet filwaqt li l-prosekuzzjoni tghid li dawn kienu hames okkazzjonijiet. Di piu' l-ewwel darba li dan induna li kien qed jinxtara fuel min ghandu bi flus foloz kien fil-bidu t'Awissu meta kien iddepozita l-flus u l-bank tieghu infurmah li kellu karta ta' hames liri falza. Meta rrapporta lill-pulizija, fuq suggeriment tal-istess, biddel is-sistema b'mod li l-flus mill-magni ikunu stivati fuq xulxin u mhux jaqghu f'gozz kif kien qabel. Ghalhekk irid jinghad illi is-sid ma setax ikun jaf minn hallas bi flus foloz qabel ma introduca s-sistema l-gdida u dan ghaliex il-karti tal-flus kienu jingabru f'gozz u oltre dan kien "ikkontamina" ix-xhieda meta ghamel il-flus f'mazz u iddepozithom il-bank. Ghalhekk dan id-dubju ghandu jmur favur l-imputat li minn jeddu jammetti li kien responsabbli ghall-disa karti ta' hames liri foloz u mhux ghat-tlettax u dan jafu bic-cert ghaliex dak kien l-ammont li haddiehor impona fuqu b'qerq.

Illi ghalhekk din il-Qorti qeghda temmen il-verzjoni tal-imputat li kien responsabbli biss fir-rigward ta' disa minn tlettax il-karta ta' flus foloz.

Illi minkejja dan, l-imputat ma jistax jinstab hati ta' kull akkuza kif dedotta kontra tieghu u dan ghar-ragunijiet segwenti:

L-ewwel akkuza mhix riproduzzjoni fidili tal-artikolu 45 tal-Kap 204 ghaliex din ghandha taqra: "kull min jiffalsifika xi biljetti ta' flus **jew** imexxi biljett ta' flus falsifikati.." (enfasi tal-Qorti). Il-prosekuzzjoni stess iddikjarat illi ma nstab xejn fid-dar tal-imputat kompriz fil-komputer tieghu li jista' jwassal ghal-indizju li dan kien qed jiffalsifika flus u ghalhekk l-imputat ma jistax jintab hati ta' din l-ewwel parti tal-akkuza. Dan qed jinghad biss ghac-carezza ghaliex l-artikolu hu dak li hu u ma jistax ikun spezzat mill-prosekuzzjoni.

It-tielet akkuza ma tinkwadrax fl-assjem tal-fatti u dan ghaliex l-artikolu 308 u, fir-rinviju tal-gudizzju, l-artikolu 309 u 310 tal-Kap 9 kif sal-lum dejjem kien mifhum, japplika ghal dawk ic-cirkostanzi fejn persuna taghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor b'mezzi li jwasslu biex juru haga li ma tkunx minnha. Dawn il-mezzi iridu ikunu tali li jistghu iqarqu bil-"common man in the street" u ghalhekk meta si tratta ta' introduzzjoni ta' flus foloz f'magna automatika ma jistkattawx l-artikoli hawn citati. Ic-cirkostanzi huma ben diversi meta persuna tixtri minghand persuna ohra bi flus foloz ghaliex dak il-fatt jista' jaqa' taht dak ravvizzat f'dawn l-artikoli. Di piu, l-azzjoni tal-imputat ma hija xejn hlief serq aggravat kif gustament jidher fir-raba akkuza ghaliex l-introduzzjoni tal-flus foloz fil-magna awtomatika in kambju ta' merci jammonta ghal serq aggravat bil-mezz meta l-mezz jinkludi "imfietah foloz" skond id-dispost tal-artikolu 263.

L-istess irid jinghad fir-rigward tal-hames akkuza u dan ghaliex l-akkuza ta' ricetazzjoni, meta si tratta ta' l-istess oggett mertu ta' serq, hija akkuza sussidjarja u la darba ma ngiebet ebda prova li l-imputat ircieva jew laqgha ghandu oggetti li kien jaf li ghandhom provenjenza illecita, ma jistax ukoll jinstab hati ta' dan;

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti issib lill-imputat hati talli mexxa biljetti ta' flus flasifikati, liema biljetti ta' flus falsifikati huma ta' flus Maltin, meta kien jaf li huma falsifikati u dan kwantu ghal 9 biljetti ta' hames liri l-wahda kif ukoll issibu hatu ukoll tat-tieni u tar-raba' akkuza. Ma

ssibux hati talli iffalsifika biljetta ta' flus, tat-tielet u tal-hames akkuza u tilliberah minnhom.

Wara li rat l-artikoli 45 u 46 Kap 204, 261 (b) u (f), 278(1) tal-Kap 9. Wara li rat il-fedina penali tal-imputat kif ukoll stante li kiser il-kondizzjoni imposta fuqu bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-14 ta' Lulju 2005, tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' sentejn mil-lum, liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9

Tordna ll-konfiska tal-flus falsifikati

Il-Qorti fissret lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------